

Il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-riskji irraġonevoli u sproporzjonati marbuta ma' interpretazzjoni daqshekk wiesgħa tal-kunċett legali ta' ksur uniku u kontinwu għal impriżi li ma jkunux ħadu sehem fil-partijiet kollha tal-ksur, iżda li jistgħu jkunu madankollu responsabbli *in solidum* skont id-dritt nazzjonali għad-dannu kkawżat.

Fid-dawl tal-armonizzazzjoni Ewropea tar-regoli dwar id-dritt għal kumpens, ir-rikors kontra kodebituri fil-livell nazzjonali ma jikkostitwixxix strument xieraq sabiex tiġi kkompensata l-portata kbira esterna tar-responsabbiltà.

Is-sitt aggravju: ksur tal-Artikolu 23(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat⁽¹⁾, u tal-prinċipji ta' legalità, ta' proporzjonalità u ta' *ne bis in idem* fil-kalkolu tal-ammont tal-multa.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta stabbilixxiet l-2004 bħala s-sena ta' referenza għall-valur tal-bejgħ, li la kienet rappreżentattiva fir-rigward tal-appellanti u lanqas kienet tirrifletti d-daqs ġenwin jew is-saħħa ekonomika tagħhom.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha, għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-responsabbiltà, fuq ksur uniku u uniku, jgħid fuq akkordju uniku li jkopri kemm il-konfigurazzjoni "A/R" kif ukoll il-konfigurazzjoni "R" u, min-naħa l-oħra, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-multa, hija ma setgħetx tissepura mill-ġdid artifiċjalment il-partijiet preżubbilment inseparabbli tal-ksur.

⁽¹⁾ ĠU 2003, L 1, p. 1.

Digriet tal-President tat-Tielet Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Awwissu 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Berlin – il-Ġermanja) – flihright GmbH vs Iberia Express SA

(Kawża C-186/17)⁽¹⁾

(2018/C 399/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 221, 10.7.2017.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Awwissu 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Galicia – Spanja) – Simón Rodríguez Otero vs Televisión de Galicia SA, Ministerio Fiscal

(Kawża C-212/17)⁽¹⁾

(2018/C 399/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 231, 17.7.2017.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Awwissu 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja, sostnuta minn: Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-594/17)⁽¹⁾

(2018/C 399/39)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 412, 4.12.2017.